MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1164/1999/1

**Avukat Dottor Philip Manduca bħala mandatarju ta' l-assenti Evelyn mart Alfred Cassar u ta' Victor Pace; u Doris armla minn George Montanaro**

***Versus***

**Carmelo *sive Charles* Dalli, Alfred Dalli, Anthony Dalli**

Din il-kawża hija dwar qsim ta' wirt.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-partijiet huma l-werrieta tal-ġenituri tagħhom Carmelo u Carmela Dalli, li mietu wieħed fis-16 t'Ottubru 1994 u l-oħra fl-10 ta' Novembru 1986. Il-wirt għadda fuq il-partijiet bis-saħħa ta' testment *unica charta* tad-29 ta' Settembru 1984 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius, li kien l-aħħar testment tal-ġenituri.

Doris Montanaro u Evelyn Cassar ġà ħadu sehemhom mill-wirt ta' l-omm, għalkemm parti mis-sehem ta' Evelyn Cassar ġie depożitat f'kont bankarju. Il-konvenuti iżda ma jridux jagħtu l-kunsens tagħhom biex dan id-depożitu, ta' ħamest elef lira (Lm5,000), jingħata lil Evelyn Cassar bħala parti mis-sehem tagħha mill-wirt ta' ommha.

Il-wirt ta’ Carmelo Dalli, il-missier, għadu ma ġiex likwidat għalkemm saret l-istqarrija *causa mortis* fit-13 t’April 1995 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion.

Billi l-partijiet ma jridux jibqgħu aktar f’komunjoni bejniethom, u għalhekk jinħtieġ li jinqasam il-wirt jew isir bejgħ b’liċitazzjoni, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-partijiet huma ko-werrieta ta’ Carmelo u Carmela Dalli f’ishma ndaqs bejniethom skond it-testment tal-mejtin;
2. taqsam il-wirt ta’ Carmelo u ta’ Carmela Dalli f’żewġ ishma ndaqs;
3. taqsam il-wirt ta’ Carmela Dalli, barra l-legati mħollija fit-testment, f’erba’ ishma ndaqs li jingħataw lil Victor Pace, Charles Dalli, Alfred Dalli u Anthony Dalli, billi Evelyn Cassar u Doris Montanaro ġà ħadu sehemhom;
4. tagħti lil Evelyn Cassar is-setgħa li tiġbed mill-bank is-somma ta’ ħamest elef lira (Lm5,000), bl-imgħaxijiet legali, bi ħlas ta’ sehemha;
5. taqsam il-wirt ta’ Carmelo Dalli, barra l-legati msemmija fit-testment, f’sitt ishma ndaqs li jingħataw lill-partijiet wara pjan ta’ qasma;
6. taħtar nutar biex jippubblika l-att ta’ diviżjoni f’jum, ħin u post li tgħid il-qorti;
7. taħtar kuraturi biex jidhru f’isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni; u
8. fil-każ illi l-wirt ta’ Carmelo jew ta’ Carmela Dalli ma jistax jinqasam komodament, tordna li jsir bejgħ b’liċitazzjoni ta’ l-immobbli ta’ dak il-wirt li ma jistax jinqasam.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittra uffiċjali tas-26 t’Ottubru 1998.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. iċ-ċitazzjoni saret ħażin u ma tiswiex għax l-atturi Evelyn Cassar u Victor Pace naqsu milli jipproduċu l-prokuri li bis-saħħa tagħhom ħatru mandatarju biex jidher għalihom f’din il-kawża; il-prokuri ġew esebiti b’nota tat-30 ta’ Novembru 2000[1] u għalhekk ma hux meħtieġ li nqisu aktar din l-eċċezzjoni;

[1] *Foll.* 52 *et seqq.*

2. kif jidher ukoll mill-premessi taċ-ċitazzjoni, l-atturi Doris Montanaro u Evelyn Cassar ma fadlilhomx pretensjonijiet dwar il-wirt ta' l-omm;
3. dwar is-sehem ta' Victor Pace mill-wirt ta' Carmela Dalli, il-konvenuti la għandhom u lanqas qatt ma kellhom xi oġġezzjoni għal-likwidazzjoni u l-qsim tal-wirt, sakemm jitħarsu d-dispożizzjonijiet kollha tat-testment u ssir il-verifika ta' l-ishma u tal-beni tat-testatriċi, li minnhom għandu jitnaqqas (i) kull dejn tal-wirt, u (ii) kull ammont li Victor Pace ħa akkont ta' sehmu;
4. il-konvenuti la għandhom u lanqas qatt ma kellhom xi oġġezzjoni għal-likwidazzjoni u l-qsim tal-wirt ta' Carmelo Dalli, sakemm jitħarsu d-dispożizzjonijiet kollha tat-testment u ssir il-verifika ta' l-ishma u tal-beni tat-testatur, li minnhom għandu jitnaqqas kull dejn tal-wirt; u
5. ir-raba' talba (biex Evelyn Cassar titħalla tiġbed il-flus depożitati l-bank) ma hija msaħħa b'ebda dispożizzjoni testamentarja jew b'xi mod ieħor; għalhekk din it-talba ma tistax tintlaqa' u għandha tiġi miċħuda għax, kif jidher minn att pubblikat min-Nutar Carmelo Mangion fl-10 t'Awissu 1990, Evelyn Cassar tħallset għal kollox ta' kull pretensjoni li kellha jew seta' kellha dwar il-wirt ta' l-omm; minkejja din l-eċċezzjoni, il-partijiet, waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2003, ivverbalizzaw illi "Il-partijiet jaqblu illi s-somma ta' ħamest elef lira u l-imgħaxijiet mid-data tal-mewt ta' Carmelo Dalli, is-16 t'Ottubru 1994, li ġew depożitati permezz ta' *cheque* numru mija u ħdax tal-10 t'Awissu 1990, jappartjenu lill-attriċi Evelyn Cassar u għalhekk ma jopponux illi dawk li f'isimhom qiegħed il-kont fejn hemm depożitati dawn il-flus jiżbankaw is-somma u l-imgħaxijiet relativi u jħallsuhom lill-attriċi Evelyn Cassar", u għalhekk ma hemmx għalfejn inqisu aktar din l-eċċezzjoni.

Għalkemm fiċ-ċitazzjoni jingħad illi l-attriċi Doris Montanaro ħadet dak kollu li kellha tieħu mill-wirt ta' l-omm, l-istess attriċi b'rikors tas-16 ta' Mejju 2001[2] qalet illi dak li ngħad fiċ-ċitazzjoni hu ħażin għax hi ma ħaditx sehemha kollu mill-wirt; għalhekk talbet korrezzjoni fit-tielet talba sabiex il-wirt ta' Carmela Dalli jinqasam

[2] *Fol.* 87.

f'ħames ishma flok erbgħa, u sehem minnhom jingħata lilha.

Il-kwistjonijiet f'din il-kawża jistgħu jiġu identifikati hekk:

1. x'inhuma l-beni tal-wirt ta' l-omm;
2. jekk l-attriċi Doris Montanaro tħallsitx sehemha kollu jew parti minnu mill-wirt ta' l-omm;
3. jekk l-attur Victor Pace tħallasx parti minn sehmu mill-wirt ta' l-omm; u
4. x'inhuma l-beni tal-wirt tal-missier.

Rajna illi, dwar is-sehem ta' l-attriċi Evelyn Cassar mill-wirt ta' l-omm, ma hemm ebda kwistjoni għax il-partijiet jaqblu illi din fadlilha biss illi tiġbed is-somma ta' ħamest elef lira (Lm5,000) depożitata l-bank u tieħu l-imgħaxijiet fuqha mis-16 t'Ottubru 1994.

***1. Dwar il-beni tal-wirt ta' l-omm***

Mix-xhieda ħareġ illi meta mietet fl-10 ta' Novembru 1986 Carmela Dalli kellha dawn il-beni:

1. nofs mhux maqsum tal-fond *Dalli House*, Triq tas-Sliema, il-Gżira, fejn kienet toqgħod ma' żewġha qabel mietet — dan il-fond, flimkien ma' sehem l-omm ta' dak kollu li kien hemm fih, tħalla bi prelegat lill-konvenut Carmelo Dalli *junior*; wara l-mewt ta' l-omm dan il-fond inqasam fi tnejn: *Dalli House, Flat 1*, u *Dalli House, Flat 2*;
2. nofs mhux maqsum tal-fond numru disgħa u tletin (39), Triq tas-Sliema, il-Gżira;
3. nofs mhux maqsum tal-*garage* bla numru jismu *Welcome Garage* fi Triq tas-Sliema, il-Gżira; dan il-fond kien tħalla bi prelegat lill-attriċi Doris Montanaro u nbigħ mill-partijiet kollha b'kuntratt tas-17 ta' Ġunju 1991 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion[3], u għalhekk ma għadux parti mill-beni li għandhom jinqasmu;
4. nofs mhux maqsum tal-vetturi tan-negozju ta' żewġha — dawn il-vetturi tħallew bi prelegat lit-tliet konvenuti u nbigħu mill-partijiet kollha lis-soċjetà *Welcome Garage Dalli Bros Limited* b'kitba privata tas-17 ta' Ġunju 1991[4] u għalhekk ma għadhomx parti mill-beni li għandhom jinqasmu;
5. nofs mhux maqsum ta' l-avvjament tan-negozju — dan ukoll inbigħ mill-partijiet kollha lis-soċjetà *Welcome*

---

[3] *Foll.* 71 *et seqq.*
[4] *Foll.* 75 *et seqq.*

*Garage Dalli Bros Limited* bl-istess kitba privata tas-17 ta' Ġunju 1991 u għalhekk ma għadux parti mill-beni li għandhom jinqasmu; u

6. sehem minn flus fil-bank; dan is-sehem, meta ngħalaq il-kont u nġibdu l-flus fit-28 ta' Mejju 1993, kien tela' għal elfejn, sitt mija u erbgħa u għoxrin lira u sbatax-il ċenteżmu (Lm2,624.17)[5]; dawn il-flus inġibdu mill-werrieta u għalhekk ma għadhomx fost l-assi li fadal li jinqasmu.

Għalhekk fil-wirt għad hemm is-sehem mill-fond *Dalli House*, li għandu jingħata lill-konvenut Carmelo Dalli *junior*, u s-sehem mill-fond disgħa u tletin (39), Triq tas-Sliema, il-Gżira. Skond it-testment, parti minn erbgħa (¼) tas-sehem ta' l-omm, li jiġi għalhekk parti minn tmienja ($^{1}/8$) ta' l-intier, writha l-missier, u dan kellu għalhekk ħames partijiet minn tmienja ($^{5}/8$) mill-fond disgħa u tletin (39), Triq tas-Sliema, il-Gżira, waqt illi fost il-werrieta fadal x'jinqasmu tliet ishma minn tmienja ($^{3}/8$) ta' l-istess fond.

***2. Dwar jekk l-attriċi Doris Montanaro ħaditx sehemha kollu mill-wirt ta' l-omm***

Naraw issa jekk Doris Montanaro fadlilhiex tieħu sehem mill-wirt ta' l-omm.

Bi ftehim li għamlet b'kitba privata tal-20 t'April 1991[6] mal-missier, Doris Montanaro ntrabtet illi tbigħ sehemha minn *Welcome Garage* (li s-sehem ta' ommha wirtitu bi prelegat) mill-vetturi, mill-inġenji, *spare parts* u ħwejjeġ mobbli oħra fl-istess *garage*, kif ukoll mill-avvjament tan-negozju, bil-prezz ta' tlittax-il elf lira (Lm13,000), li minnhom elfejn lira (Lm2,000) tħallsu dakinhar stess, sitt elef lira (Lm6,000) kellhom jitħallsu "ma' l-att u ftehim aħħari", u ħamest elef lira (Lm5,000) bi ħlasijiet ta' elf u mitt lira (Lm1,100) kull sitt xhur, l-ewwel ħlas fi żmien sitt xhur mill-att. Meta sar il-bejgħ ta' *Welcome Garage* b'kuntratt tas-17 ta' Ġunju 1991 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion[7], ix-xerrej, is-soċjetà *Welcome Garage Dalli Bros Limited*, intrabtet li tħallas elfejn u mitejn lira (Lm2,200) lil Doris Montanaro, f'żewġ ħlasijiet ta' elf u mitt lira (Lm1,100) kull sitt xhur, l-ewwel ħlas fi żmien sitt xhur mill-

5 *Foll.* 80 *et seq.*
6 *Fol.*69.
7 *Foll.* 71 *et seqq.*

att. Fis-17 ta’ Ġunju 1991 ukoll saret kitba privata[8] biex il-partijiet bigħu lill-istess soċjetà n-negozju, il-vetturi u l-aċċessorji, u s-soċjetà ntrabtet li tħallas lil Doris Montanaro tlitt elef u tliet mitt lira (Lm3,300) fi ħlasijiet ta’ elf u mitt lira (Lm1,100) kull sitt xhur li “jitkomplew ma’ dawk dovuti fuq l-att tallum stess tal-bejgħ tal-*Welcome Garage*”.

Bis-saħħa ta’ dawn il-kuntratti Doris Montanaro ma tħallsitx sehemha mill-wirt iżda biss ta’ sehemha mill-*Welcome Garage* u mill-avvjament, mill-vetturi u mill-aċċessorji. Madankollu, fis-17 ta’ Ġunju 1991 saret kitba privata oħra[9] bejn Doris Montanaro u l-missier, u Doris Montanaro fuq din il-kitba stqarret illi hija:

… … … rċeviet mingħand missierha Carmelo Dalli s-somma ta’ tmint elef lira maltin (Lm8,000) għas-saldu ta’ kwalsiasi dritt u sehem li hija għandha mill-wirt ta’ ommha Carmela Dalli. Hija tiddikjara li m’għandha l-ebda pretensjoni oħra kontra l-istess missierha jew ħutha l-oħra; u, *oltre*, tintrabat illi tersaq fuq l-att jew skritturi relattivi meta tkun rikjesta mill-istess Carmelo Dalli biex jiġu trasferiti proprjetà tal-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti bejn Carmelo Dalli u l-mejta Carmela Dalli.

Għalkemm bis-saħħa ta’ kitba privata Doris Montanaro ma setgħetx iċċedi sehemha mill-beni immobbli, madankollu hija marbuta illi ċċedi dan is-sehem, li ġà tħallset tiegħu, u ma għandhiex tkompli taqsam ma’ ħutha.

Billi għalhekk Doris Montanaro ġà ħadet sehemha mill-wirt, l-istqarrija magħmula fiċ-ċitazzjoni illi hi u oħtha l-attriċi Evelyn Cassar “diġà ħadu sehemhom mill-wirt ta’ ommhom” hija tajba, u t-talba magħmula bir-rikors ta’ Doris Montanaro tas-16 ta’ Mejju 2001 hija miċħuda.

***3. Dwar jekk l-attur Victor Pace ħax sehmu kollu mill-wirt ta’ l-omm***

Imiss issa li naraw jekk Victor Pace rċeviex ħlasijiet akkont ta’ sehmu. Victor Pace huwa iben Carmela Dalli, iżda mhux ukoll iben Carmelo Dalli.

Fl-*affidavit* tiegħu maħluf fil-31 t’Ottubru 2000[10], Victor Pace stqarr illi fl-1994, ftit qabel il-mewt ta’ Carmelo Dalli, hu ġie Malta fuq talba ta’ Carmelo stess. Xehed hekk:

---

8 *Foll.* 75 *et seqq.*

9 *Fol.* 70.

10 *Foll.* 43 *et tseq.*

… … … in 1994, at the request of my stepfather, Carmelo Dalli, I visited Malta. He advised me that he would pay for my return air ticket to Malta as well as any income that I had forfeited, from my employment, as a result of my visit. During my stay in Malta I received from my stepfather the sum of Lm4,000 on account of these expenses and loss of income.

Il-kwistjoni hija jekk dawn l-erbat elef lira (Lm4,000) tħallsux akkont tas-sehem ta' Victor Pace mis-sehem ta' l-omm jew tħallsux għar-raġuni msemmija fl-*affidavit* ta' Victor Pace stess.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, l-atturi jgħidu hekk: Biex wieħed igħid l-anqas, dak li jallega Victor Pace hu inverosimili. Mhux kredibbli x-xhud li jsostni illi kważi 8 snin wara li mietet omm Victor Pace, Carmelo Dalli jibgħat għalih biex jarah u jwiegħdu li jħallaslu kollox. Huwa aktar verosimili illi Carmelo Dalli aġixxa b'mod illi ħallas lil Victor Pace dak li kien lilu dovut mill-wirt ta' ommu Carmela miżżewġa Dalli, bħal ma kien għamel ma' Evelyn Cassar u Doris Montanaro.[11]

Dan l-argument għandu l-qawwa tiegħu, iżda l-qorti tifhem illi li kieku tassew il-ħsieb kien illi Victor Pace jingħata dawk il-flus akkont ta' sehmu mill-wirt ta' Carmela Dalli, kienet issir kitba bħal ma sar fil-każ ta' Evelyn Cassar u ta' Doris Montanaro, iż-żewġ werrieta l-oħra li ħadu fi flus is-sehem tagħhom mill-wirt. Għalhekk ma tarax illi ma għandhiex toqgħod fuq dak li xehed Victor Pace u tgħid illi l-ħlas li sar lil dan ma kienx akkont ta' sehmu.

Għalhekk, dak li fadal x'jinqasam mill-wirt ta' Carmela Dalli — tliet partijiet minn tmienja ($^3/8$) mill-fond disgħa u tletin (39), Triq tas-Sliema, il-Gżira — għandu jinqasam f'erba' ishma ndaqs, li jingħataw sehem kull wieħed lit-tliet konvenuti u lill-attur Victor Pace.

Ngħaddu issa biex inqisu l-wirt ta' Carmelo Dalli.

### *4. Dwar il-beni tal-wirt tal-missier*

Fit-13 t'April 1995 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion[12] il-werrieta għamlu l-istqarrija li trid il-liġi dwar il-beni immobbli tal-wirt ta' Carmelo Dalli. L-immobbli li ssemmew kienu dawn:

---

11 *Fol*. 276.
12 *Foll*. 15 *et seqq.*

1. ħames partijiet minn tmienja ($^{5}/8$) tal-fond *Dalli House*, Triq tas-Sliema, il-Gżira, maqsum fi tnejn: *Dalli House, Flat 1*, u *Dalli House, Flat 2*; ingħad illi Carmelo Dalli kellu ħames partijiet minn tmienja ($^{5}/8$) għax man-nofs tiegħu tal-komunjoni żdiedet parti minn erbgħa (¼) tas-sehem ta' martu għalkemm is-sehem ta' l-omm kien tħalla bi prelegat lil Carmelo Dalli *junior*.
2. ħames partijiet minn tmienja ($^{5}/8$) mill-fond disgħa u tletin (39), Triq tas-Sliema, il-Gżira, mikri lil Anthony Dalli;
3. *garage* fi Triq Edgar Bernard, il-Gżira;
4. qabar fiċ-ċimiteru ta' l-Addolorata;
5. l-użufrutt fuq is-sehem ta' martu; dan l-użufrut spiċċa mal-mewt u għalhekk ma għadux fost il-beni li għandhom jinqasmu;

Barra minn dawn l-immobbli kellu wkoll:

6. kont f'*Mid-Med Bank p.l.c.*, numru 851629149 li, meta miet Carmelo, kien fih tmint elef u ħamsa u sebgħin lira u tlittax-il ċenteżmu (Lm8,075.13)[13]; wara l-mewt inġibdu xi flus u skond l-aħħar *statement*, li nħareġ fil-15 ta' Mejju 2002[14], il-kont, li llum għandu n-numru 085-017903-001 ma' *HSBC Bank Malta p.l.c.*, kien fih ħamest elef, sitt mija u erbgħa u tletin lira u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm5,634.78).

Il-wirt kellu wkoll dejn ta' sitt mitt lira (Lm600) għall-funeral, li tħallas fis-16 t'Ottubru 1994[15], u dejn ieħor ta' elfejn u żewġ liri (Lm2,002) mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni għat-taxxa fuq id-dħul, li tħallas fit-22 ta' Diċembru 2001[16]. Il-werrieta ħallsu wkoll elf, disa' mija u sebgħa u tmenin lira (Lm1,987) fil-15 ta' Mejju 1995[17] bħala taxxa fuq it-trasferiment ta' proprjetà *causa mortis*. Billi dawn id-djun tħallsu mill-assi tal-wirt, billi nġibdu mill-kont bankarju tal-mejjet, ma hemmx għalfejn inqisuhom aktar.

Il-konvenuti qegħdin igħidu wkoll illi fost l-assi tal-wirt kien hemm kont ma' *Lloyds Bank* f'isem il-mejjet u l-attriċi Doris Montanaro flimkien[18]. Dawn il-flus iżda kienu ngħataw minn Carmelo Dalli *senior* lil Doris Montanaro[19],

---

13 *Fol*. 118.
14 *Fol*. 137.
15 *Fol*. 83.
16 *Fol*. 107.
17 *Fol*. 784
18 *Fol*. 169.
19 Ara x-xhieda ta' Doris Montanaro fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2002, *fol*. 159.

jew akkont ta' sehemha mill-wirt ta' l-omm jew b'donazzjoni. F'kull każ, ma humiex parti mill-wirt tal-missier u ma hemmx għalfejn inqisuhom aktar, ukoll għax fir-raba' artikolu tat-testment[20] it-testaturi kienu ħelsu lill-werrieta mill-obbligu tal-kollazzjoni.

Fadal li nqisu jekk il-prelegat imħolli mill-missier lil Carmelo Dalli *junior* fil-paragrafu (*ċ*) tal-ħames artikolu tat-testment[21] jolqotx il-fond *Dalli House*, fi Triq tas-Sliema, il-Gżira, kollu, jew biss l-appartament numru wieħed. Id-dispożizzjoni fit-testment tgħid hekk:

It-testaturi jħalli b'titolu ta' prelegat lil:

(*a*) … … …;

(*b*) … … …;

(*ċ*) lil binhom Carmelo *sive* Charles id-dar ta' l-abitazzjoni tat-testaturi tallum bl-oġġetti kollha li jinsabu fiha inklużi flus kontanti u oġġetti prezzjużi.

Rajna illi, wara l-mewt ta' l-omm, il-fond inqasam fi tnejn, *Flat 1* u *Flat 2*. *Flat 1* baqa' joqgħod fih il-missier u *Flat 2* inkera lill-konvenut Alfred Dalli. Il-prelegat imħolli mill-omm jolqot il-fond kollu, u għalhekk Carmelo Dalli *junior* ħa bi prelegat is-sehem imħolli lilu minn ommu tal-fond kollu, *i.e.* taż-żewġ appartamenti. Dwar is-sehem tal-missier, iżda, igħodd dak li jgħid l-art. 742(2) tal-Kodiċi Ċivili:

**743.** (1) Kull trasferiment li t-testatur jagħmel tal-ħaġa kollha mħollija legat jew ta' biċċa minnha, ukoll jekk b'bejgħ bil-jedd ta' rkupru, jew bi tpartit, iġib it-tħassir tal-legat dwar il-ħaġa ttrasferita, għalkemm dan it-trasferiment ikun null, jew fittizju, jew għalkemm il-ħaġa nfisha terġa' tidħol fil-pussess tat-testatur.

(2) Dan igħodd ukoll jekk it-testatur ibiddel il-ħaġa mħollija legat f'oħra b'mod li din titlef is-sura u l-isem li kellha qabel.

Mela, dwar is-sehem tal-missier, Carmelo Dalli *junior* ħa bi prelegat l-appartament numru wieħed biss, billi l-appartament numru tnejn ma kienx għadu d-dar ta' l-abitazzjoni tat-testatur.

Tifdal il-kwistjoni ta' x'kien is-sehem tal-missier mill-appartament numru tnejn.

---

20 *Fol*. 9.

21 *Fol*. 9.

Carmelo Dalli *senior* kellu n-nofs bħala sehmu mill-komunjoni. Min-nofs ta' martu, wiret parti minn erbgħa (¼) skond it-tieni artikolu tat-testment[22], jew, billi martu ħalliet sehemha minn dak il-fond bi prelegat, ma ħa xejn mis-sehem tagħha?

It-tieni artikolu jgħid hekk:

It-testaturi qegħdin iħallu lil xulxin dak kollu li l-iżjed tippermettilhom il-liġi, jiġifieri l-premorjent minnhom qed iħalli lis-superstiti fosthom fi piena proprjetà kwart (¼) indiviż tal-wirt tiegħu (tal-premorjent) u l-użufrutt ġenerali tat-tliet kwarti (¾) indiviżi l-oħra tal-wirt ta' l-istess premorjent. … … …

Il-qorti hija tal-fehma illi, ladarba l-ħsieb tat-testaturi kien li jħallu lil xulxin l-aktar li setgħu skond il-liġi, u, jekk tifhem illi min fosthom baqa' ħaj ma kien imissu xejn mis-sehem ta' l-ieħor fuq il-fond imħolli bi prelegat, hekk kien jieħu anqas mill-massimu li tippermetti l-liġi, mela interpretazzjoni skond ir-rieda tat-testaturi tkun dik illi tagħti lil dak li fosthom baqa' ħaj sehem ukoll mill-fond imħolli bi prelegat.

Dan ifisser illi Carmelo Dalli *senior* kellu ħames partijiet minn tmienja ($^5/8$) mill-appartament numru tnejn. Għalhekk Carmelo Dalli *junior* għandu bi prelegat l-appartament numru wieħed kollu, u tliet partijiet minn tmienja ($^3/8$) ta' l-apparatament numru tnejn. Il-ħames partijiet l-oħra jinqasmu bejn il-werrieta kollha.

Għal dawn ir-raġunijiet il-beni tal-wirt ta' Carmelo u ta' Carmela Pace huma maqsuma hekk:

- *Dalli House Flat 1*, Triq tas-Sliema, il-Gżira huwa ta' Carmelo Dalli *junior* bi prelegat;
- *Dalli House Flat 2*, Triq tas-Sliema, il-Gżira huwa maqsum hekk: Carmelo Dalli *junior* għandu bi prelegat tliet partijiet minn tmienja ($^3/8$), waqt illi l-ħames partijiet l-oħra jinqasmu bejn is-sitt werrieta (fosthom l-istess Carmelo Dalli *junior*) f'ishma ndaqs, biex hekk Carmelo Dalli *junior* għandu tlieta u għoxrin parti minn tmienja u erbgħin ($^{23}/48$) u l-ħames werrieta l-oħra għandhom ħames partijiet minn tmienja u erbgħin ($^5/48$) kull wieħed u waħda; dan l-appartament huwa mikri lill-konvenut Alfred Dalli;

[22] *Fol*. 7.

- il-fond disgħa u tletin (39), Triq tas-Sliema, il-Gżira, mikri lill-konvenut Anthony Dalli, huwa maqsum hekk: it-tliet konvenuti u l-attur Victor Pace għandhom bejniethom f'ishma ndaqs it-tliet partijiet minn tmienja ($^{3}$/8) li kienu ta' l-omm, u għalhekk għandhom tliet partijiet minn tnejn u tletin kull wieħed ($^{3}$/32); il-ħames partijiet l-oħra minn tmienja ($^{5}$/8) jinqasmu bejn is-sitt werrieta f'ishma ndaqs, biex hekk kull parti għandha ħames partijiet minn tmienja u erbgħin ($^{5}$/48); għalhekk Carmelo Dalli *junior*, Alfred Dalli, Anthony Dalli u Victor Pace għandhom dsatax-il parti minn sitta u disgħin ($^{19}$/96) kull wieħed u Evelyn Cassar u Doris Montanaro għandhom għaxar partijiet minn sitta u disgħin ($^{10}$/96) kull waħda;
- il-*garage* fi Triq Edgar Bernard, il-Gżira huwa tal-partijiet f'ishma ndaqs, u għalhekk kull wieħed u waħda għandu jew għandha parti minn sitta ($^{1}$/6);
- il-qabar fiċ-ċimiteru ta' l-Addolorata huwa tal-partijiet f'ishma ndaqs, u jista' jibqa' komuni bejniethom; u
- il-flus fil-kont numru 085-017903-001 ma' *HSBC Bank Malta p.l.c.*, u l-imgħaxijiet li nġabru fuqhom, huma tal-partijiet f'ishma ndaqs u għandhom jinqasmu bejniethom fis-sehem ta' parti waħda minn sitta ($^{1}$/6) kull wieħed u waħda.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. tgħid illi l-partijiet huma werrieta f'ishma ndaqs ta' Carmelo u ta' Carmela Dalli, b'dan illi l-atturi Evelyn Cassar u Doris Montanaro ġà ħadu sehemhom mill-wirt ta' Carmela Dalli;
2. tipprovdi dwar it-tielet u l-ħames talbiet billi, wara li tgħid illi l-konvenut Carmelo Dalli *junior* għandu bi prelegat il-fond *Dalli House Flat 1*, Triq tas-Sliema, il-Gżira, tgħid ukoll illi:

a. Carmelo Dalli *junior* għandu tlieta u għoxrin parti minn tmienja u erbgħin ($^{23}$/48) u l-ħames werrieta l-oħra għandhom ħames partijiet minn tmienja u erbgħin ($^{5}$/48) kull wieħed u waħda tal-fond *Dalli House Flat 2*, Triq tas-Sliema, il-Gżira, mikri lill-konvenut Alfred Dalli;

b. Carmelo Dalli *junior*, Alfred Dalli, Anthony Dalli u Victor Pace għandhom dsatax-il parti minn sitta u disgħin ($^{19}$/96) kull wieħed u Evelyn Cassar u Doris Montanaro għandhom għaxar partijiet minn sitta u disgħin

($^{10}$/96) kull waħda tal-fond disgħa u tletin (39), Triq tas-Sliema, il-Gżira, mikri lill-konvenut Anthony Dalli;
c. kull wieħed u waħda mill-partijiet għandu jew għandha parti minn sitta ($^{1}$/6) tal-*garage* fi Triq Edgar Bernard, il-Gżira;
3. tipprovdi dwar it-tmien talba billi, wara li tgħid illi t-tliet proprjetajiet imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan ma jistgħux jinqasmu f'daqshekk ishma daqskemm għandhom il-werrieta, tordna illi dawk il-proprjetajiet jinbigħu b'liċitazzjoni; taħtar lill-A.I.Ċ. Godwin Abela sabiex jagħmel l-istima meħtieġa, u tordna illi r-rikavat mill-bejgħ ta' kull proprjetà jinqasam bejn il-partijiet skond is-sehem ta' kull parti f'dik il-proprjetà;
4. tilqa' r-raba' talba billi tagħti lill-attriċi Evelyn Cassar is-setgħa li tiġbed is-somma ta' ħamest elef lira (Lm5,000), flimkien ma' l-imgħax fuqha mis-16 t'Ottubru 1994, mill-kont imsemmi f'dik it-talba jew minn kull kont ieħor fejn dawk il-flus tqiegħdu minflok; u
5. tordna illi l-flus depożitati fil-kont numru 085-017903-001 ma' *HSBC Bank Malta p.l.c.*, flimkien ma' l-imgħaxijiet li nġabru fuqhom, jinqasmu bejn il-partijiet f'ishma ndaqs.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jinqasmu bejn is-sitt werrieta f'ishma ndaqs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------